MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**IAN SPITERI BAILEY**

Seduta tad-19 ta' Mejju, 2008

Talba Numru. 770/2007

**Printline Quality Printers Limited (C 25727)**

**Vs**

**Phone Direct Limited (C 27107)**

**It-Tribunal,**

Ra l-**Avviz** fl-ismijiet premessi pprezentat fit-12 ta' Ottubru, 2007 fejn gie mitlub illi s-socjeta` konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' elf mija u sebgha u tletin Liri Maltin u hmistax il-centezmu (Lm1137.15), ekwivalenti ghal elfejn sitt mija u tmienja u erbghin Euro u erbgha u tmenin Euro centezmi (€2648.84) rapprezentanti l-prezz ta' prodotti ta' printing konsistenti f'folders, business cards u flyers kkonsenjati lis-socjeta` konvenuta hekk kif jidher mill-fatturi hawn annessi u mmarkati "Dok A" u "Dok B" rispettivament, liema somma baqghet ma thallsitx minkejja diversi interpellazzjonijiet. Bl-imghax legali mid-data tal-konsenja

relattiva sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjez inkluzi dawk tal-Mandat ta’ Sekwestru Numru 2628/07 kontra s-socjeta` konvenuta li r-rapprezentanti guridici taghha huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Ra illi s-socjeta` konvenuta giet debitament notifikata.

Sema` x-xhieda ta’ Matthew Spiteri in rapprezentanza tas-socjeta` attrici, moghtija fis-seduta tal-5 ta’ Mejju 2008, fejn stqarr illi l-ammont ghadu dovut fl-intier tieghu.

Ra illi s-socjeta` konvenuta naqqset milli tidher ghas-seduta tal-5 ta’ Mejju 2008 u naqqset wkoll milli tikkontesta b’xi mod jew iehor, it-talba attrici.

Fid-dawl ta’ dan allura t-talbiet attrici ghandhom jigu akkolti.

Ghaldaqstant, it-Tribunal, wara li qies ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, jaqta` u jiddeciedi billi jilqa` t-talba attrici u jikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lil dik attrici s-somma ta’ elfejn sitt mija u tmienja u erbghin Euro u erba` u tmenin Euro Centezmi (€2648.84) ekwivalenti ghal elf, mija u seba` u tletin Liri Maltin u hmistax il-centezmu (LM1137.15), ghar-ragunijiet msemmija fl-Avviz.

Bl-ispejjes u bl-imghax kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------